MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 105/2002

**Francis Attard**

**vs**

**Salvatore Farrugia**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid inti konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kundannat thallas l-ammont ta' hames mija u tmenin lira maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm580.92) dovuti bhala danni sofferti mill-attur per konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fit-2 ta' Frar 2002 fi Triq l-Arcisqof Pietru Pace, Victoria, bejn il-vettura Renault GAT 183 misjuq mill-attur u proprjeta' tieghu u dik Isuzu BBJ 284 misjuqa minnek. U ta' liema incident kont unikament responsabbli minhabba imperizji, traskuragni u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku.

Kif ukoll l-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' Marzu 2002."

Ra r-risposta:

"Dak li talab l-attur ghandu jigi michud ghax ghall-incident stradali "de quo" kien jahti l-istess attur li kiser bil-vettura tieghu imprudentement u bla debita cerzjorazzjoni.

B'riserva dwar id-danni tal-eccipjent."

Sema' x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

Illi l-mertu tal-kawza jitratta incident tat-traffiku li sehh fit-2 ta' Frar 2002 fi Triq l-Arcisqof Pietru Pace, Victoria, Ghawdex.

Illi l-partijiet taw verzjonijiet kontrastanti:

Illi l-attur *a tempo vergine* qal *kont qed insuq matul Triq L-Arcisqof Pietru Pace mid-direzzjoni ta' Pjazza San Frangisk. Ghamilt l-indicator li ser nikser ghal go triq li twassal ghall-isptar. Meta mid-direzzjoni opposta ma rajt lil hadd gej u mill-mera ma rajt lil hadd gej minn warajja. Meta bdejt nilwi ghad-direzzjoni tal-isptar Trakk BBJ-284 li kien qed jinstaq warajja baqa' diehel gol-vettura tieghi.* Din il-verzjoni l-attur sostniha fid-deposizzjoni tieghu quddiem it-Tribunal.

Illi l-konvenut fl-istqarrija tieghu lil WPS 160 Josephine Camilleri stqarr hekk: *kont qed insuq matul Triq l-Isqof Pietru Pace mid-direzzjoni ta' Pjazza San Frangisk. Meta kont qed naqla' vettura GAT –183 li kienet qed tinstaq quddiemi, ix-xufier kiser il-vettura ghal go triq li taghti ghall-isptar, bil-konsegwenza li ghalaqli t-triq u ghalkemm zammejt il-brake, bqajt diehel go fiha. Vettura GAT-183 ma kellha l-ebda indicator jixghel, juri li kien ser jikser lejn il-lemin.*

Illi l-konvenut fid-deposizzjoni tieghu quddiem it-Tribunal qal li huwa kien diga qabad il-liwja lejn l-isptar meta l-attur dar habta u sabta lejn il-lemin, bla ma xeghel l-indicator jew ghamel sinjal iehor, u illi ghadda minn fuq il-linji bojod dijagonali.

Illi t-Tribunal isib li din il-verzjoni mhix kompatibbli la mal-iskizz u l-anqas mal-hsarat fil-karozza tal-attur: l-iskizz jindika li l-attur meta sehhet il-habta kien diga' dahal fil-karreggjata li hija ghat-telgha u li qieghdha fuq in-naha tal-lemin ta' Triq l-Arcisqof Pietru Pace, u li kien miexi fil-parti karreggjabli f'direzzjoni parallela ghal-linji dijagonali, kif fil-fatt spicca wara l-habta. Kieku l-attur qasam perpendikolarment, jew kwazi, minn fuq il-linji dijagonali , kif isostni l-konvenut, il-hsara ma kinitx issirlu bi sbrixx (side-swipe) mal-gemb tal-lemin tal-karozza min-nofs il-bieba tas-sewwieq san-naha ta' wara, imma kienet tkun ikkoncentrata f'punt partikolari tal-vettura (narrow object impact), apparti li l-vettura tal-attur kienet tispicca, almenu l-parti ta' wara taghha, fuq il-linji dijagonali . Il-konvenut, filwaqt illi ghal domanda diretta tal-avukat Monica Vella jghid li huwa kien diga' qabel il-liwja ghall-isptar x'hin l-attur qabad u dar fl-istess direzzjoni (ara fol 36 tal-process) stranament fl-istess seduta u in kontro-ezami ta' Dr Carmelo Galea qabditu amnesija u ma jiftakarx f'liema punt tat-triq lemah lill-attur l-ewwel darba. Il-brake-mark ta' 8.6m juri li dan induna bil-manuvra li kien sejjer jaghmel l-attur mill-inqas minn distanza ta' circa tmintax-il metru (18m) u cioe' meta l-konvenut kien ghadu niezel fi Triq l-Arcisqof Pietru Pace u ferm qabel qabad il-liwja. Ghalhekk ma jirrizultax illi l-attur kiser habta u sabta, specjalment meta jigi kkunsidrat illi il-konvenut, ghalkemm kien qieghed isuq wara l-attur, kien ghaddej *ex admissis* bi speed ikbar minn dak tal-attur. Ikkunsidrat il-fatt illi ex admissis l-attur kien ghaddej bi speed iktar baxx minn dak tal-konvenut, aktarx illi meta l-konvenut lemah lill-attur l-ewwel darba, dan tal-ahhar kien diga' lewa lejn il-lemin u qabad it-triq ta' biswit ic-central strip, u l-konvenut allura lewa lejn il-lemin filwaqt li ghafas il-brejk biex jevita l-incident izda xorta wahda habat bi zbrixx fuq in-naha tal-lemin tal-vettura tal-attur.

Illi l-manuvra ta' sorpass hija manuvra ferm perikoloza, li trid tittiehed b'attenzjoni kbira, u m'ghandha qatt issir hdejn inkrocju, kif ipprova jaghmel il-konvenut. Paragrafu 184 tal-Kodici Ghat-Traffiku fit-Triq, edizzjoni ta' Settembru 2001 jghid hekk:

*TAQLAX VETTURI OHRA meta tkun qed tavvicina … triq li taghqad m'ohra.*

Illi jirrizulta wkoll illi l-konvenut kien qieghed jiekol huwa u jsuq, tant li wara l-accident hareg bl-ikel f'idu. Ghalhekk ma kienx qieghed isuq b'attenzjoni shiha.

Illi min-naha l-ohra, l-attur dejjem kien konsistenti fil-verzjoni li ta' tal-incident, liema verzjoni hija wkoll pjenament kompatibbli mad-dinamika tal-incident.

Illi fuq il-bazi tal-provi li tressqu quddiemu, it-Tribunal huwa moralment sodisfatt li l-attur issodisfa l-oneru tal-prova tieghu li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u li ma kien hemm ebda negligenza kontributorja min-naha tal-attur. Fil-kawza fl-ismijiet **Borg vs Ciantar** deciza in parte fid-9 ta' Novembru 1968 intqal li l-onus tal-prova li d-driver tal-vettura ta' quddiem kien negligenti u li bin-negligenza tieghu ikkaguna l-kollizjoni jaqa' fuq is-sewwieq tal-vettura sorpassanti. Bl-inkonsistenzi kollha tieghu, zgur li l-konvenut ma ssodisfax dan l-*onus probandi.*

Dwar il-quantum tad-danni, dawn ma gewx ikkontestati u jirrizultaw ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi:

1. Jiddikjara li l-incident sehh unikament tort tal-imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' LM580.92c bhala danni bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' Marzu 2002 kif ukoll

id-drittijiet tal-avukat li ppatrocina lill-attur a kariku tal-konvenut.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur

(ft) Mary Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur